MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2588/2002

**Avviz Numru 2588/02 AJD**
**Oscar u Ludgarda konjugi Mizzi**

**vs**

**Emanuel u Connie konjugi Pace u Leone u Grace konjugi Ciantar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta’ Ottubru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu u jirrifondu lill-atturi s-somma ta’ elf, erba’ mija u erba’ u sittin lira Maltin (Lm1,464.00) rappresentanti arretrati ta’ kera gravanti l-fond minghajr numru bl-isem fone zone, Constitution Street, Mosta u dang hall-perijodu mill-1 ta’ April 2002 sat-30 ta’ Settembru 2002 u dan bir-rata ta’ Lm8.00 kuljum.
Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenuti.

Ra li ghalkemm il-konvenuti Leone Ciantar u Emanuel Pace deheru fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2002 u nfurmaw lit-Tribunal li kienu qed jikkontestaw it-talbiet attrici, huma naqsu milli jahgmlu dan sas-seduta tat-12 ta’ Lulju 2002, kif stipulate fil-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Novembru 2002.

Sema' x-xhieda tal-attur Oscar Mizzi li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta’ elf, erba’ mija u erba’ u sittin lira Maltin (Lm1,464.00) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**